**INFORMAZZJONI DWAR IL-PRINĊIPJI U L-MOD TA' KIF TIVVOTA**
**L-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew fit-territorju tar-Repubblika Ċeka - votazzjoni għall-membri tal-Parlament Ewropew li se jirrappreżentaw ir-Repubblika Ċeka**
**Il-Ġimgħa, 24 ta' Mejju 2019 bejn is-2 PM u l-10 PM**
**Is-Sibt, 25 ta' Mejju 2019 bejn it-8 AM u s-2 PM**

**Votant jista' jkun**

- ✓ ċittadin tar-Repubblika Ċeka li għandu jew se jkun laħaq l-età ta' 18-il sena sa mhux aktar tard mill-25 ta' Mejju 2019,
- ✓ ċittadin ta' Stat Membru ieħor tal-UE li se jkun laħaq l-età ta' 18-il sena sa mhux aktar tard mill-25 ta' Mejju 2019 u li diġà jew se jkun diġà rreġistra r-residenza permanenti jew temporanja tiegħu fir-Repubblika Ċeka sa mhux aktar tard mill-10 ta' April 2019.

**Votant jista' jivvota biss jekk hu/hi jkun irreġistrat fil-lista elettorali għall-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew (PE) u**

- ✓ l-libertà tiegħu mhijiex limitata minħabba l-bżonn li s-saħħa tiegħu tiġi protetta
- ✓ il-kapaċità tiegħu li jeżerċita d-dritt tiegħu/tagħha għall-vot ma tkunx ġiet ristretta.

**L-elezzjonijiet se jsiru biss fil-postijiet tal-votazzjoni fit-territorju tar-Repubblika Ċeka.**

**L-applikazzjoni minn ċittadin ta' Stat Membru ieħor tal-UE biex jiġi rreġistrat fil-lista elettorali għall-elezzjonijiet tal-PE**

- ✓ **Il-votanti kollha li vvutaw fir-Repubblika Ċeka fl-aħħar elezzjonijiet tal-PE** jiġu rreġistrati b'mod awtomatiku fil-lista elettorali għall dawn l-elezzjonijiet tal-PE. Il-votanti jenħtieġu li jivverifikaw din l-informazzjoni mal-awtorità muniċipali rispettiva tagħhom.
- ✓ **Votant li ma vvotax fir-Repubblika Ċeka fl-aħħar elezzjonijiet tal-PE, iżda li vvota fl-elezzjonijiet muniċipali** jrid japplika biex l-informazzjoni tiegħu/tagħha tiġi trasferita fil-lista elettorali tal-elezzjonijiet tal-PE sal-14 ta' April 2019.
- ✓ **Votant li ma jkunx ivvota fi kwalunkwe elezzjoni fir-Repubblika Ċeka** jrid japplika mal-awtorità muniċipali rispettiva tiegħu/tagħha biex jiġi rreġistrat fil-lista elettorali tal-elezzjonijiet tal-PE sal-14 ta' April 2019.

**Għal aktar informazzjoni u l-formoli ta' applikazzjoni, jekk jogħġbok ara s-sit web tal-Ministeru tal-Intern fuq <u>www.mvcr.cz</u>** jew ikkuntattja awtorità muniċipali jew reġjonali.

**L-indirizzi tal-postijiet tal-votazzjoni**

L-indirizz tal-post tal-votazzjoni u informazzjoni oħra neċessarja se jiġu ppubblikati minn kull sindku rispettiv fid-9 ta' Mejju 2019 jew qabel fil-manjiera tipika għal kull lokazzjoni speċifika. Jekk hemm diversi distretti elettorali f'muniċipalità speċifika, is-sindku se jinforma lill-votanti liema parti tal-munċipalità u post tal-votazzjoni jappartjenu għal liema distrett elettorali.

**Il-proċess ta' awtentifikazzjoni**

Kull votant għandu jipprovdi evidenza tal-identità u taċ-ċittadinanza tiegħu/tagħha. Ċittadin tar-Repubblika Ċeka jista' jagħmel dan billi jissottometti ID valida, passaport validu jew diplomatiku jew tas-servizz tar-Repubblika Ċeka u dokument tal-ivvjaġġar. Ċittadin ta' Stat Membru ieħor tal-UE jista' jagħmel dan billi jissottometti permess ta' residenza permanenti, passaport jew ID.

**Kull votant li jonqos milli jipprovdi evidenza tal-identità u ċ-ċittadinanza tiegħu/tagħha mhux se jitħalla jivvota.**

**Il-karti tal-vot**

Il-karti tal-vot jiġu stampati b'mod separat għal kull korp li jkun ħareġ għall-elezzjonijiet tal-PE. Kull karta tal-vot se tindika n-numru tal-korp li jkun ħareġ għall-elezzjonijiet tal-PE assenjat lilhom bit-tlugħ bix-xorti. Il-karti tal-vot ipprovduti lill-votanti ma jistgħux jifformaw sekwenza mhux interrota ta' numri jekk lista partikolari ta' kandidati ma jkunux ġew irreġistrati, anke wara li jkunu ġew rieżaminati minn qorti.

Bl-istess mod, in-numru sekwenzjali ta' kandidat li jkun tħassar mil-lista ta' kandidati se jibqa' vojt fil-karta tal-vot.

L-informazzjoni dwar is-sħubija ta' kandidat f'partit politiku u/jew moviment politiku hija indikata bit-taqsira rilevanti fil-karta tal-vot; lista ta' taqsiriet hija mehmuża mas-sett tal-karti tal-vot.

**Ir-riżenja jew it-tneħħija ta' kandidat**

Informazzjoni dwar ir-riżenja jew it-tneħħija ta' kandidat u/jew il-fatt li kandidat (ċittadin ta' Stat Membru ieħor tal-UE) ikun ġie mċaħħad mid-dritt tiegħu/tagħha li jiġi elett se tiġi ppubblikata fil-post tal-votazzjoni. Voti preferenzjali favur kandidat bħal dan se jiġu injorati.

**Il-metodu ta' kif tivvota**

Kull votant se jirċievi envelop uffiċjali vojt mill-kumitat tal-elezzjoni tad-distrett li jġorr timbru uffiċjali. Fuq talba, il-kumitat tal-elezzjoni jista' jipprovdi sett ta' karti tal-vot.

Kull votant irid jieħu l-envelop uffiċjali u l-karti tal-vot tiegħu/tagħha fiż-żona deżinjata għall-immaniġġjar tad-dokumenti tal-vot. F'dik iż-żona, il-votant se jagħżel il-karta tal-vot tal-korp li jkun ħareġ għall-elezzjoni tal-PE li hu jew hi jixtieq jivvota ghalih.

**Kul votant jista' jagħti vot preferenzjali lil mhux iktar minn żewġ kandidati fil-karta tal-vot li jkun għażel. Kull votant jista' jagħmel dan billi jimmarka b'ċirku n-numru rispettiv tal-kandidat.** Jekk votant jimmarka b'ċirku iktar minn żewġ numri, l-ebda vot preferenzjali mhu se jiġi magħdud.

Il-bidliet jew il-modifiki l-oħra kollha li jsiru lill-karti tal-vot se jiġu injorati. Wara dan, kull votant għandu jdaħħal il-karta tal-vot tiegħu fl-envelop uffiċjali.

**Meta jdaħħal karta tal-vot fl-envelop uffiċjali, il-votant għandu jevita li aċċidentalment idaħħal iktar minn karta tal-vot waħda (eż minħabba li dawn ikunu weħlu ma' xulxin). Jekk ikun hemm iktar minn karta tal-vot waħda, il-vot jiġi invalidat.**

Il-karti tal-vot li mhumiex stampati fuq il-forma preskritta, li tqattgħu jew ma ddaħlux fl-envelop uffiċjali wkoll huma invalidi.

**Kif tivvota**

**Kull votant irid jivvota personalment; ir-rappreżentanza minn oħrajn mhix permessa.** Kull votant għandu jivvota billi jpoġġi l-envelop uffiċjali li fih il-karta tal-vot tiegħu/tagħha f'waħda mill-kaxxi tal-voti li jinsabu quddiem il-kumitat tal-elezzjoni tad-distrett.

Kull votant li mhux kapaċi jimmarka l-karta tal-vot tiegħu/tagħha jew li mhux kapaċi jaqraha minħabba diżabbiltà fiżika jista' jkun akkumpanjat minn votant ieħor sal-ispazju deżinjat għall-immaniġġjar tal-karti tal-vot (iżda mhux minn membru tal-kumitat tal-elezzjoni tad-distrett), li se jimmarka u jdaħħal il-karta tal-vot fl-envelop uffiċjali, u jpoġġi l-envelop uffiċjali f'kaxxa tal-voti, jekk meħtieġ, f'isem il-votant li għandu diżabbiltà fiżika.

**Votanti li mhumiex irreġistrati fi kwalunkwe lista elettorali tal-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew mhux se jidħallew jivvutaw mill-kumitat tal-elezzjoni tad-distrett.** Dan ma japplikax għal votanti li jivvutaw b'ċertifikat tal-votant jew li jissottomettu konferma li ġew imħassra minn lista elettorali speċjali amministrata minn ambaxxata jew konferma li ġew imħassra mil-lista elettorali għall-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew minħabba bidla fir-residenza permanenti tagħhom u li jagħtu prova tad-dritt tagħhom li jivvutaw fid-distrett elettorali speċifiku.

**Kif tivvota b'ċertifikat tal-votant**

Jekk votant jivvota b'ċertifikat tal-votant, hu jew hi jrid jissottomettih lill-kumitat elettorali tad-distrett. Hu jew hi mbagħad se jirċievi mingħand il-kumitat elettorali tad-distrett envelop uffiċjali vojt li jġorr it-timbru uffiċjali u li fih sett sħiħ tal-karti tal-vot. Iċ-ċertifikat tal-votant jista' jintuża fi kwalunkwe distrett elettorali.

## It-tqegħid tal-karti tal-vot f’kaxxa tal-voti mobbli

Kull votant jista’, minħabba raġunijiet serji (speċjalment mediċi), jitlob lill-awtorità lokali tiegħu/tagħha u – fil-jiem tal-elezzjonijiet – anke lill-kumitat tal-elezzjoni tad-distrett rilevanti, biex jivvota barra mill-post tal-votazzjoni f’kaxxa tal-voti mobbli. Madankollu, il-kumitat elettorali tad-distrett għandu l-permess li jibgħat il-membri tiegħu b’kaxxa tal-voti mobbli fid-distrett rispettiv tiegħu biss.

## L-informazzjoni disponibbli fil-postijiet tal-votazzjoni

L-Att Nru. 62/2003 Coll. dwar l-Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew, se jkun disponibbli fil-postijiet tal-votazzjoni biċ-Ċek, l-Ingliż, il-Franċiż u l-Ġermaniż. Din l-informazzjoni se tkun disponibbli fil-lingwi kollha tal-Istati Membri tal-UE.

Il-mudelli tal-karti tal-vot u l-informazzjoni dwar żbalji tipografiċi, jekk applikabbli, se jkunu disponibbli fil-postijiet tal-votazzjoni.

Elektronický podpis - 31.1.2019
Certifikát autora podpisu :
Jméno : Mgr. Silvia Rákociová
Vydal : PostSignum Qualified C...
Platnost do : 28.8.2019